A.L. 96 ta' l-1996

ATT DWAR IL-KONTROLL FUQ IL-KWALITÀ (ESPORTAZZJONIJIET, IMPORTAZZJONIJIET U OĠĠETTI LOKALI) (KAP. 225)

Data tal-Bidu fis-Seħħ ta' l-Ordni ta' l-1996 dwar *Appliances* li Jaħdmu bi *Fuels* tal-Gass

IL-BORD ta' *Standards* ta' Malta b'dan javża illi l-Ordni ta' l-1996 dwar *Appliances* li Jaħdmu bi *Fuels* tal-Gass (Ordni Nru. M33 ta' l-1996) tqiegħed quddiem il-Kamra tad-Deputati skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kwalità (Esportazzjonijiet, Importazzjonijiet u Oġġetti Lokali) fl-20 ta' Marzu, 1996, u li l-imsemmi Ordni għandu jibda jseħħ fil-31 ta' Mejju, 1996, b'dan illi l-ħtiġiet tal-artikli 6 u 8 ta' dak l-ordni ma jkunux obbligatorji qabel l-1 ta' Jannar, 1997.